Nru. 17,921
Prezz Lm1.92c
Price Lm1.92c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju, 2006
Friday, 12th May, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 405

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 68 imsejjaħ Att ta' l-2006 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

It-12 ta' Mejju, 2006

Nru. 406

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

Ħatra ta' Direttur (Unjoni Ewropea u Affarijiet Internazzjonali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Mario Buttigieg, Dip. in Bus. Admin., Dip. in Dipl. Studies, bħala Direttur (Unjoni Ewropea u Affarijiet Internazzjonali) fil-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg b'seħħ mill-20 ta' April 2006.

It-12 ta' Mejju, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 405

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 68 entitled the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2006.

12th May, 2006

No. 406

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Appointment of Director (EU and International Affairs)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Mario Buttigieg, Dip. in Bus. Admin., Dip. in Dipl. Studies, as Director (EU and International Affairs) within the Ministry of Education, Youth and Employment with effect from 20th April 2006.

12th May, 2006

Nru. 407

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) reġa' lura fuq dmirijietu fit-8 ta' Mejju, 2006 u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 392 tal-5 ta' Mejju, huma b'din imħassrin.

It-12 ta' Mejju, 2006

No. 407

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR GODWIN WARR, Director General (Commerce) resumed duties on 8th May, 2006 and the arrangements made by Government Notice No. 392 of 5th May, 2006, are hereby being cancelled.

12th May, 2006

Nru. 408

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Ray Scerri	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	22–26.05.06

It-12 ta' Mejju, 2006

No. 408

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

12th May, 2006

Nru. 409

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	09–11.05.06

It-12 ta' Mejju, 2006

No. 409

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

12th May, 2006

Nru. 410

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Rabat (M)	Claude Galea

It-8 ta' Mejju, 2006

No. 410

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be appointed Executive Secretary of the respective Local Councils:–

Local Council Locality	*Secretary*
Rabat (M)	Claude Galea

8th May, 2006

Nru. 411

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Clinton Bellizzi, LL.D., bħala Nutar Delegat u Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Clarissa Cuschieri, LL.D., b'seħħ mill-5 ta' Mejju 2006 sat-8 ta' Mejju 2006, għal matul l-assenza tagħha minn dawn il-Gżejjer.

Joseph Borg, B.A.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Il-25 ta' April, 2006

No. 411

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Clinton Bellizzi, LL.D., to be Notary Delegate and Keeper for Notary Dr Clarissa Cuschieri, LL.D. with effect from 5th May 2006 to the 8th May 2006, during the latter's absence from these Islands.

Joseph Borg, B.A.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

25th April, 2006

Nru. 412

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dott.

No. 412

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has

Elisa Falzon, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mis-26 ta' April 2006 sad-29 ta' April 2006.

Lorianne Camilleri
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Id-9 ta' Mejju, 2006

appointed Notary Dr Elisa Falzon, B.A., LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Pierre Attard, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 26th April 2006 to the 29th April 2006.

Lorianne Camilleri
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

9th May, 2006

Nru. 413

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, l-20 ta' Mejju, 2006, il-Ġonna ta' l-Argotti fil-Furjana, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Living Waters Mission Team.

It-12 ta' Mejju, 2006

No. 413

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens, Floriana

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 20th May 2006, from 4.00 p.m. onwards the Argotti Gardens at Floriana will be closed to the general public and will be under the control of the Living Waters Mission Team.

12th May, 2006

Nru. 414

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li minn nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju 2006 sa nhar il-Ħadd, it-28 ta' Mejju 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna ta' l-Argotti, ikunu taħt il-kontroll tal-Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti.

It-12 ta' Mejju, 2006

No. 414

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens, Floriana

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that from Friday, 26th May 2006 to Sunday, 28th May 2006, from 6.00 p.m. onwards the Argotti Gardens will be under the control of The Malta Council for Culture and the Arts.

12th May, 2006

Nru. 415

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat

B'KONFORMITÀ mar-regolamenti 3(8) fil-Parti II ta' l-Avviż Legali Nru. 204 ta' l-2001 rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba l-fatt illi l-MEPA għandha tagħrif biżżejjed biex tieħu deċiżjoni fid-Direttur għall-Harsien ta' l-Ambjent, jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat:

No. 415

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Waiving of Environmental Planning Statement

IN conformity with Part II provision 3 (8) of Legal Notice No. 204 of 2001 in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has sufficient information to take a decision on this application, the Director of Planning, in agreement with the Director of Environment Protection, agree to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement:

Applikazzjoni Nru:	PA 05423/04
Post:	Sit f'Tar-Remel, limiti taż-Żebbuġ
Proposta:	Sanzjonar ta' bdil u żieda ta' razzett tal-ħnieżer approvat skond PA 7435/96. L-applikazzjoni tinkludi wkoll bdil fl-iskema tal-*landscaping*.
Application No:	*PA* 05423/04
Location:	*Site at Tar-Remel, limits of Żebbuġ*
Proposal:	*To sanction alterations and additions to a pig farm approved in PA 7435/96. Application also includes modifications in the landscaping scheme.*

Dawn l-impatti potenzjali sinifikanti fuq l-ambjent kienu identifikati u miżuri ta' mitigazzjoni ġew proposti fl-istqarrija dwar id-deskrizzjoni tal-proġett (PDS), kif sottomess lil MEPA fid-19 ta' April, 2006.

The following potential significant environmental impacts were identified and mitigation measures proposed through the Project Description Statement (PDS), as submitted to MEPA on the 19th April, 2006.

Impatti potenzjali sinifikanti	**Pożittiv/Negattiv**	**Rimarki fuq miżuri ta' mitigazzjoni, eċċ.**
Skart	Negattiv	L-iskart prodott fuq is-sit jiġi ttrattat skond rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-*Waste Management Plan* sottomess
Viżwali	Pożittiv	L-ebda sular barra minn dak eżistenti mhu sejjer jinbena. L-iżvilupp jinħeba permezz ta' *landscaping*.
Potential Significant Impact	***Positive/Negative***	***Remarks on mitigation measures, etc.***
Waste	*Minor Negative*	*On site waste will be adequately managed, as per proposals in the Waste Management Plan in the PDS.*
Visual	*Positive*	*No further floors are to be constructed. In addition, an appropriate landscaping scheme is proposed.*

Minkejja dan l-imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar izzomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

It-12 ta' Mejju, 2006

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

12th May, 2006

Nru. 416

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

SKOND ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippublikat fl-Avviż Legali 294 ta' l-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifika ta' konċentrazzjoni bejn Emirates International Telecommunications (Malta) Limited u Maltacom plc saret u ġiet aċċettata nhar il-Ħamis, il-11 ta' Mejju, 2006.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Emirates International Telecommunications (Malta) Limited ta' kontroll dirett b'kuntratt ta' Maltacom plc.

Is-settur ekonomiku involut huwa dak tat-telekomunikazzjoni.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni,
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,
Triq il-Kanun,
Sta Venera CMR02
Malta

Il-11 ta' Mejju, 2006

No. 416

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

IN terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Emirates International Telecommunications (Malta) Limited and Maltacom plc was filed and accepted on Thursday, 11th May, 2006.

The nature of the concentration is an acquisition by Emirates International Telecommunications (Malta) Limited of direct control by contract of Maltacom plc.

The economic sector involved is that of telecommunications.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Such observations should reach the Director of the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification at the following address:

Consumer and Competition Division,
Office for Fair Trading,
Cannon Road,
Sta.Venera CMR02
Malta

11th May, 2006

Nru. 417

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Mejju, 2006, għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Michael Caruana, huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

BORG NICHOLAS RAYMOND

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-12 ta' Mejju, 2006

No. 417

LOCAL COUNCILS ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Wednesday, 10th May, 2006, for the Local Council of Santa Venera, to fill the post vacated by Mr Michael Caruana, is that whose name is shown hereunder:–

BORG NICHOLAS RAYMOND

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

12th May, 2006

Nru. 418

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
05. 05. 06	Lm7.43c3	16c3
08. 05. 06	Lm7.47c4	16c3
09. 05. 06	Lm7.44c2	16c2
10. 05. 06	Lm7.58c1	16c2
11. 05. 06	Lm7.64c7	16c7

It-12 ta' Mejju, 2006

No. 418

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

12th May, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 35

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Ġunju 2006, il-ġurnata kollha minn Triq Mons. P.P. Saydon.

Nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Ġunju 2006 mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika u parti minn San Mikiel.

Vetturi li jinsabu pparkjati jkunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-Għasri - Għawdex

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Ġunju 2006 u nhar il-Ħadd, l-4 ta' Ġunju 2006, mit-toroq li ġejjin: Wilġa, il-Knisja, it-Tamar, il-Ġonna, il-Fanal u l-Għammar.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Ġunju 2006 mill-5.30 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Imsida, Santu Rokku, Pont il-Qadim quddiem il-Knisja ta' Sant'Antnin, Mannarino, Santa Marija, Psaila u Dun Filippu Borg.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-dati msemmija, huma pprojbiti u għalhekk jiġu rmunkati.

It-12 ta' Mejju, 2006

POLICE NOTICE

No. 35

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Thursday, 1st June 2006 all day through Triq Mons. P.P. Saydon.

On Wednesday, 2nd June 2006 from 6.00 p.m. to 9.00 p.m. through the following streets: Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika and part of San Mikiel.

Vehicles found parked will be subject for towing.

Għasri - Gozo

On Saturday, 3rd June 2006 and on Sunday, 4th June 2006, through the following streets: Wilġa, il-Knisja, it-Tamar, il-Ġonna, il-Fanal and l-Għammar.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there, will be towed away.

Birkirkara

On Sunday, 4th June 2006 from 5.30 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: l-Imsida, Santu Rokku, Pont il-Qadim infront of St Anthony Church, Mannarino, Santa Marija, Psaila and Dun Filippu Borg.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there, will be towed away.

12th May, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 36

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju 2006 u nhar is-Sibt, is-27 ta' Mejju 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Tarxien kantuniera ma' San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Mejju 2006 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Palma kantuniera ma' Lorenzo Gonzi and Sqajjaq.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Mejju 2006 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Tarxien kantuniera ma' San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Mejju 2006 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja Parrokkjali sal-Kbira, iż-Żejtun, il-Knisja, Wenzu Despot, Misraħ Buleben, Ġanni Faurè, Lorenzo Gonzi u l-Palma.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Mejju 2006 mit-toroq li ġejjin: il-Knisja Parrokkjali, Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Tarxien, Santa Marija u l-Kbira.

Il-Marsa

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Ġunju 2006 mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m. minn Triq Isouard u Triq Nerik Sacco.

Nhar il-Ħamis, il-15 ta' Ġunju 2006 mis-6.30 p.m. sas-7.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Isouard, il-Marsa u Balbi.

It-12 ta' Mejju, 2006

POLICE NOTICE

No. 36

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Tarxien

On Friday, 26th May 2006 and on Saturday, 27th May 2006 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Tarxien corner with San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq up to Parish Church.

On Saturday, 27th May 2006 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Palma corner with Lorenzo Gonzi and Sqajjaq.

On Sunday, 28th May 2006 from 10.00 a.m. onwards through the following streets: Tarxien corner with San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq up to Parish Church.

On Sunday, 28th May 2006 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Parish Church to il-Kbira, iż-Żejtun, il-Knisja, Wenzu Despot, Misraħ Buleben, Ġanni Faurè, Lorenzo Gonzi and il-Palma.

On Sunday, 28th May 2006 through the following streets: Parish Church, Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Tarxien, Santa Marija and il-Kbira.

Marsa

On Sunday, 4th June 2006 from 9.00 a.m. till 11.00 a.m. through Triq Isouard and Triq Nerik Sacco.

On Thursday, 15th June 2006 from 6.30 p.m. till 7.30 p.m. through the following streets: Nerik Sacco, Isouard, il-Marsa and Balbi.

12th May, 2006

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' *Manager* għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Manager* ICT ma' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

L-applikanti għandhom ikunu gradwati universitarji fi studji konnessi mat-Teknoloġija ta' l-Informatika u preferibbilment ikollhom lawrja ogħla fil-*management* ta' l-*IT*. Esperjenza ta' mill-inqas tliet snin f'amministrazzjoni għolja hija meħtieġa. Kull min japplika, minbarra li jrid ikun fluwenti fil-Malti u l-Ingliż, irid ikun infurmat tajjeb dwar *IT Audit, IT Systems Development, Project Management* u *Application packages*.

Il-*Manager ICT* jamministra s-sezzjoni li tieħu ħsieb l-*IT* ta' l-Uffiċċju. Din tipprovdi servizzi ta' l-*IT* lill-i*staff* kollu ta' l-Uffiċċju, kif ukoll lill-awdituri ta' l-*IT* responsabbli minn xogħol ta' verifika f'dan il-qasam. Għandu jaqdi d-dmirijiet ta' konsulent espert u jagħti l-pariri tiegħu lill-impjegati ta' din is-sezzjoni. Ikun responsabbli wkoll mill-*budget* u mill-pjan ta' direzzjoni ta' din it-taqsima.

Dan l-impieg, li huwa bi prova għal sena, huwa fuq bażi *full time* u għal żmien definit ta' tliet snin. Dan jista' jiġi mġedded kemm-il darba jkun qeda d-dmirijiet tiegħu tajjeb.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. Fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, waqt li l-oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

Biex jingħażel il-kandidat l-aktar kompetenti, l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' l-Għażla.

Isir eżami mediku biex jiġi żgurat li l-persuna magħżula tinsab f'saħħitha.

Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Floriana CMR 02, ittra ta' applikazzjoni miktuba minnhom u kopja tal-*curriculum vitae*. Applikanti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa.

Applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Mejju 2006. Dawk li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Tingħata rċevuta minnufih mill-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni għal kull applikazzjoni li titwassal personalment.

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Informations and Communications Technology Manager (ICT)

The Auditor General invites applications for the post of ICT Manager with the National Audit Office.

Candidates should be university graduates in an IT related area of studies and preferably with a higher degree in IT Management. A minimum of three years experience in a senior management is required. A sound knowledge on IT Audit, IT Systems Development, Project Management and application packages is expected. The applicants must be fluent in Maltese and English.

The ICT manager is responsible for the IT Unit consisting of the IT Administration and the IT Audit functions. He is responsible for the management of IT Administration staff that will provide IT services to other units and IT Auditors that will undertake IT Audits. He is responsible for the mentoring and counseling, of the staff within the IT Unit. He is also responsible for the Unit's plan and budget.

The employment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is for a definite three year period which may be renewed subject to satisfactory performance.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. Photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview.

Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to select the most suitable candidate.

The selected applicant will undergo a medical examination to ascertain that he¢she is medically fit.

Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02 a letter of application in their own handwriting together with a copy of their curriculum vitae. Applicants are to produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications.

Applications are to reach the National Audit Office by Wednesday, 24th May 2006. Late applications will not be considered.

Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Manager, Finance and Administration, National Audit Office.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu mhux aktar tard mid-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta mill-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni fi żmien sebat (7) ijiem.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02 (Tel: 22055005).

It-12 ta' Mejju, 2006

Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Manager, Finance and Administration, National Audit Office within seven (7) days.

Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02 (Tel: 22055005).

12th May, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Impieg ta' *Supply Learning Support Assistants (*Supply Kindergarten Assistants)* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex Jgħinu Studenti bi Bżonnijiet Speċjali**

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) tgħarraf li d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandha l-ħsieb li thejji lista ta' riserva ta' *Supply Learning Support Assistants* biex jgħinu lil studenti bi bżonnijiet speċjali u qed tilqa' applikazzjonijiet għal dan il-għan.

2. Dan l-impieg huwa ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum fid-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) meta dawn is-servizzi, għal xi raġuni, ma jkunux aktar meħtieġa. F'kull każ, l-impieg jiġi sospiż jew jintemm awtomatikament fl-aħħar ġurnata meta l-iskola tagħlaq għall-vaganzi tas-sajf. L-i*staff* supplimentarju jista' jerġa' jiġi impjegat fis-sena ta' wara jekk is-servizzi ta' dawn ikunu meħtieġa. L-applikanti jistgħu jtemmu wkoll l-impieg tagħhom f'kull żmien, iżda għandu jingħata avviż ta' ġimgħa bil-miktub.

3. *Supply Learning Support Assistants* jitħallsu bir-rata ta' Lm16.00 kull ġurnata tax-xogħol, u huma wkoll intitolati għall-*bonus* annwali u l-*weekly income supplement,* fuq bażi *pro-rata,* skond l-għadd tas-siegħat maħduma.

4. L-applikanti magħżula jistgħu jiġu trasferiti minn skola għall-oħra. Jistgħu wkoll ikunu meħtieġa li jagħmlu dmirijiet f'Għawdex.

*Dan it-titlu huwa skond ir-rakkommandazzjoni magħmula f'"The Inclusive and Special Education Review" (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impieg, 2005)

5. Ix-xogħol tas-*Supply Learning Support Assistants* jinkludi:

a) Għajnuna fit-tagħlim:

EDUCATION DIVISION

Employment of Supply Learning Support Assistants* (Supply Kindergarten Assistants) in the Education Division to Support Students with Special Needs

The Director General (Education) notifies that the Education Division is in the process of compiling a reserve list of prospective Supply Learning Support Assistants in the Education Division to support students with special needs and invites applications for this purpose.

2. This employment is of an entirely temporary nature and may be terminated at the discretion of the Director General (Education) when such services are, for any reason, no longer required. In any case, employment will be suspended or terminated automatically on the last day when the school closes for the summer holidays. Supply staff may be re-employed for the following scholastic year if their services are still required. Applicants may also terminate their employment at any time, but a week's prior notice shall be given in writing.

3. Supply Learning Support Assistants will be paid at the rate of Lm16.00 per working day they will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on pro-rata basis according to the number of hours worked.

4. Selected applicants may be transferred from one school to another; they may also be required to perform duties in Gozo.

*This nomenclature is in accordance with the recommendation made in "The Inclusive and Special Education Review" (Ministry of Education, Youth and Employment, 2005)

5. The duties of Supply Learning Support Assistants will include:

a) Learning Support:

i) Jgħinu u jaħdmu id f'id ma' l-għalliema tal-klassi u ma' kollegi oħrajn fl-edukazzjoni ta' l-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikulari, ta' studenti bi bżonnijiet speċjali biex jiġu pprovduti l-ħtiġiet kurrikulari ta' studenti individwali;

ii) Jieħdu sehem sħiħ fl-iżvilupp, it-twettiq u r-reviżjoni ta' programm edukattiv għal studenti individwali (*individualised educational programme – IEP*) għal studenti bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll iżommu *record* ta' u jirrapportaw dwar il-progress ta' programmi simili fuq bażi regolari;

iii) Jgħinu fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u jieħdu sehem attiv fl-oqsma kollha ta' proċess edukattiv fil-klassi.

iv) Id f'id ma' l-għalliem/a tal-klassi, jieħdu sehem fl-osservazzjoni, l-assessjar u d-dokumentazzjoni tal-ħidma u l-imġiba ta' l-istudenti inklużi kif ukoll fi programmi rispettivi li jiffaċilitaw il-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għal ieħor;

v) Id f'id ma' speċjalisti, għalliema u ġenituri jaħdmu favur komunità inklussiva ta' studenti fejn ikun stmat u rrispettat.

(b) Għajnuna Personali:

i) Jagħtu għajnuna lil studenti bi bżonnijiet speċjali fil-kura u ndafa personali. Din l-għajnuna tinkludi:

ii) Il- qadi ta' bżonnijiet personali – tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li jwasslu l-istudenti sat-*toilet*; li jgħinu lill-istudent jinza u jilbes; li jnaddfu, jaħslu u jagħtu *shower*; u li jbiddlu s-*sanitary towels* u l-*incontinence pads* (ħrieqi);

iii) Jieħdu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq ta' l-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bil-qiegħda, inkluż id-dmir li jerfgħu l-istudenti u jmexxuhom fil-*wheelchair* kif ikun meħtieġ, dejjem skond dawn il-linji gwida internazzjonali;

iv) irfigħ: sa 27 kilogramm isir minn *Supply Learning Support Assistant* wieħed/waħda; sa 54 kilogramm isir minn żewg persuni; 'il fuq minn 54 kilogramm jista' jsir premezz ta' *lift* mekkaniku;

v) imbuttar ta' *wheelchair*: sa 45 kilogramm isir darba kultant; sa 28 kilogramm isir ta' spiss; sa 9 kilogrammi jsir kontinwament;

vi) Jiżguraw li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukkativ u jkollhom l-aħjar sigurtà billi jagħtuhom għajnuna waqt l-edukazzjoni fiżika; il-logħob, il-ħargiet edukattivi u s-sessjonjiet ta' terapija, kif ukoll billi

i) Supporting and collaborating with the class teacher and other colleagues in the education of all pupils in class and, in particular, pupils with special educational needs so that the individual curricular needs are catered for;

ii) Fully participating in the development, implementation and review of an individualised educational programme (IEP) for students with special educational needs including recording and reporting progress of such IEPs on a regular basis;

iii) Helping in the preparation of educational material and playing an active part in all the components of the instructional and educational process in class;

iv) In collaboration with the class teacher, participating in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included students as well as in their respective individual transition programmes as they move through the educational levels;

v) In collaboration with specialists, teachers and parents, promoting an inclusive community of learners where all students are valued and respected.

(b) Personal Support:

i) Supporting students with special needs in their personal care and hygiene needs including;

ii) Toileting – cleaning and washing, which shall include accompanying the student to the toilet, undressing and dressing, cleaning, washing and showering, and changing of sanitary towels and incontinence pads;

iii) Seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting students and pushing students in wheelchairs as required, subject to the following international guidelinesġ

iv) lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one Supply Learning Support Assistant; lifting up to 54 kilograms shall be undertaken by 2 persons; beyond 54 kilograms a mechanical lift may be used;

v) pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally; up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms constantly;

vi) Ensuring the maximum educational benefit and safety for individual students at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-

jagħtuhom jieklu b'mod normali fil-*break* ta' filgħodu, fil-brejk ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skond il-ħtieġa;

(ċ) Dmirijiet waqt it-Transport:

Is-*Supply Learning Support Assistants* għandhom jaqdu dawn id-dmirijiet meta dawn id-dmirijiet ikunu mfissra fl-I*statement* uffiċjali, jew skond kif ikun meħtieġ. F'dan il-każ, is-*Supply Learning Support Assistants* għandhom:

i) Jgħinu lill-istudenti jitilgħu u jinżlu l-karozza;

ii) jissorveljaw u jindukraw l-istudenti fil-vjaġġ minn u lejn l-iskola. Meta jissorveljaw u jindukraw lill-istudenti barra mill-ħin ta' l-iskola, is-*Supply Learning Support Assistants* jitħallsu bir-rata stabbilità.

6. L-applikanti għandhom:

a) ikunu 18-il sena fid-data tal-applikazzjoni;

b) ikunu ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea;

ċ) (i) ikollhom mill-inqas (4) *passes* tas-S.E.C. f'Livell 'O' fi grad 5 jew kwalifiki ekwivalenti, inkluż il-Malti, l-Ingliż (Lingwa) u l-Matematika u 1 (wieħed) fil-Livell Avvanzat; jew

(ii) ikunu temmew b' suċċess il-*Pre-School Education Certificate* jew

(iii) ikunu temmew b'suċċess l-MCAST-BTEC National Diploma in Early Years jew

(iv) ikunu temmew b'suċċes l-MCAST-BTEC National Diploma in Care jew

(v) l-ekwivalenti ta' dawn.

7. Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) qed tassumi li l-applikanti jafu li d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni diġà qed twettaq pjan ta' implimentazzjoni tar-rakkommandazzjonijiet tar-rapport "The Inclusive and Special Education Review" (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impieg, 2005) fil-kuntest ta' l-iżvillup ġenerali tas-sistema edukattiva.

8. Dawk li jiġu ngaġġati huma obbligati biex jagħmlu korsijiet ta' taħriġ u ta' *induction*, kif indikat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Wara li jattendu t-taħriġ indikat, dawk magħżula jistgħu jiġu msejħa biex jieħdu post ta' *Supply Learning Support Assistants* diġà fl-iskejjel, sakemm dawn ta' l-aħħar jieħdu t-taħriġ meħtieġ. Wara dawk ta' l-ewwel jintbagħtu fl-iskejjel skond il-bżonn.

9. Applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta mill-pulizija, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

morning and mid-day breaks and at other times as required.

(c) Transport Duties:

The following duties shall be carried out by Supply Learning Support Assistants when such a requirement has been indicated by an official Statement, or as required. In such cases, the Supply Learning Support Assistants shall:

i) assist in the boarding and unboarding of students on and off the transport vehicle;

ii) carry out transport supervision duties to and from school and when the transport of students during normal school hours is necessary, supervision duties carried out outside schools hours are to be remunerated at the established rates.

6. Applicants must:

a) be 18 years of age on date of application;

b) be E.U. citizens;

c) (i) be in possession of at least four (4) S.E.C. 'O' Level passes at grade 5 or equivalent, including English Language, Maltese and Mathematics and 1 (one) Advanced Level pass; or

(ii) are in possession of the Pre-School Education Certificate or

(iii) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in Early Years or

(iv) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in Care or

(v) their equivalent.

7. The Director General (Education) assumes that applicants are aware that the Education Division has already embarked on a plan to implement the recommendations made in the report "The Inclusive and Special Education Review" (Ministry of Education, Youth and Employment, 2005) in the context of the general development of the education system.

8. Selected applicants are to attend induction and training courses, as may be deemed appropriate by the Education Division. After attending the required training, the appointees may be asked to replace other Supply Learning Support Assistants already in post, for a number of weeks. Afterwards, appointees will be deployed in schools as required.

9. Applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside must produce a recent police certificate of conduct and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

10. L-applikanti jridu jehmżu ma' l-applikazzjoni d-dettalji (isem, indirizz, pożizzjoni, numri tat-telefon, indirizz ta' l-*email)* ta' persuna li jaċċetta jkun *referee*. Din il-persuna trid tkun persuna b'karattru morali u jkollha sens ċiviku.

11. L-applikazzjonijiet jistgħu jinksbu mit-taqsima tal-*Customer Care* mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, Floriana jew mill-uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

12. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjonijiet; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

a) Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li kollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħt ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

13. L-applikanti eliġibbli ssirilhom intervista minn Bord ta' l-Għazla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post.

14. L-applikanti magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

15. L-applikazzjonijiet bil-kaligrafija ta' l-applikant jintlaqgħu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, Floriana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex fuq formola mhux aktar tard minn nofsinhar ta' l-Erbgħa, il-31 ta' Mejju 2006.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq, sakemm ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa, jistgħu jkunu kkunsidrati. In-numru tal-*fax* huwa 21225630. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fi żmien ġimgħa mid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

17. (a) Applikazzjonijiet meħuda lill-uffiċċju jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li ntlaqgħu mid-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) u l-irċevuta tingħata dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data ta' l-għeluq. Dawk l-applikazzjonijiet jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li ntlaqgħu mid-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) fi żmien sebat ijiem.

It-12 ta' Mejju, 2006

10. Applicants are to attach to their application form the details (name, address, position, telephone numbers, email address) of a person who accepts to act as a referee. This person must be a person of moral and civic standing.

11. Applications can be obtained from the Customer Care Section, Education Division, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo.

12. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

a) It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

13. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

14. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

15. Applications on the form provided and in the applicant's own handwriting together with a summary of the qualifications and experience will be received in the first instance by, the Customer Care Section, Education Division Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon of Wednesday, 31st May 2006.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The fax number is 21225630. The formal application, duly signed by the applicant must reach the office by not later than a week after the closing date.

17. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General (Education) and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above mentioned dead-line. These applications will be acknowledged in writing by the Director General (Education) within seven working days.

12th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Chief Information Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

Din is-sejħa tieħu post dik ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Marzu 2006.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ fuq kuntratt fil-pożizzjonijiet ta' *Chief Information Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.1 Persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Chief Information Officer*, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. Persuni li ma jkunux taw sehem sodisfaċenti bħala *Chief Information Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollhom il-kuntratt tagħhom terminat.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Impjegati bil-kuntratt huma meħtieġa li jtemmu l-kuntratt preżenti tagħhom qabel ma' jidħlu f'kuntratt bħala *Chief Information Officer*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li l-kuntratt ma jiġix imġedded jew jintemm.

3.1 Il-persuni magħżula jiġu assenjati fil-Ministeri skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Il-Ministeri se jkunu maqsuma fi tliet kategoriji - *major, middle* u *minor* - skond il-komplessità u l-firxa tas-sistemi ta' l-*ICT* tagħhom u l-potenzjal li dawn is-sistemi jintużaw għal tibdil u titjib fis-sistema operattiva tal-Gvern.

3.2 Is-salarji u l-*allowances* marbutin mal-pożizzjonijiet ta' *Chief Information Officer* huma kif ġej:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Chief Information Officer in the Malta Public Service

This call for applications supersedes the one published in the Government Gazette of the 21st March 2006.

The Public Service Commission invites applications for the positions of Chief Information Officer in the Malta Public Service.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three (3) year contract as Chief Information Officer, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Chief Information Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. Contract employees will be required to terminate their present contract prior to entering into an agreement as Chief Information Officer. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

3.1 Selected officers will be assigned to line Ministries according to exigencies. Ministries will be categorized as major, middle, and minor according to the complexity and magnitude of their ICT systems and their potential to utilize ICT as leverage for business change and improvements.

3.2 The salaries and allowances attached to the positions of Chief Information Officer will be as follows:

Kategorija tal-Ministeru ***Ministry Category***	**Salarju skond il-Ftehim Kollettiv effettiv mill-1.1.05** ***Salary as per Collective Agreement effective 1.1.05***	**Benefiċċji Oħra** ***Perquisites***
Major	Lm10,500 - Lm11,500	10% Performance Bonus Fully expensed car Telephone facilities
Middle	Lm9,900 - Lm10,900	10% Performance Bonus Telephone facilities
Minor	Lm9,300 - Lm10,300	10% Performance Bonus Telephone facilities

3.2.1. Is-salarji msemmija hawn fuq huma dawk ta' l-2006. Il-punt ta' salarju mogħti liċ-*Chief Information Officers* fis-snin ta' wara jiżdied b'persentaġġ ekwivalenti għaż-żieda perċwentwali fis-salarji ta' Skala 3, Skala 4 u l-massimu ta' Skala 5 liema salarji jirriflettu l-kategoriji *major*, *middle* u *minor* rispettivament. Dan sabiex tkun riflessa ż-żieda fis-salarju mogħtija skond il-Ftehim Kollettiv li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005.

3.3. F'kaz li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju u benefiċċji oħra dovuti għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*. Il-pakkett tar-renumerazzjoni huwa marbut mal-pożizzjoni u mhux ma' l-individwu. Persuna fil-pożizzjoni *Chief Information Officer* tista' tiġi trasferita minn kategorija għal oħra skond l-esiġenzi flimkien ma' l-aġġustament relevanti fil-pakkett tar-renumerazzjoni.

3.4. Id-deċiżjoni dwar f'liema kategorija ta' Ministeru - *major, middle* u *minor* – persuna se twettaq id-dmirijiet tagħha u trasferiment minn Ministeru għal ieħor hija prerogattiva tal-*management*. Il-punt tas-salarju mogħti, skond il-parametri msemmija f'paragrafu 3.2, ikun jiddependi fuq il-kwalifiki, ħiliet, xeħta u esperjenza ta' l-Uffiċjal maħtur.

4. Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad b'salarju ogħla minn dak ta' din il-pożizzjoni, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Chief Information Officer* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha.

5. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Chief Information Officer* tkun responsabbli għaż-żamma u żvilupp tas-sistemi ta' l-*ICT* fil-Ministeru u trid taħdem taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru. Persuna fil-ħatra ta' *Chief Information Officer* tirrapporta direttament lis-Segretarju Permanenti fir-rigward ta' affarijiet relatati ma' l-*ICT* fil-Ministeru tagħha u tkun responsabbli lejn iċ-*Chairman* tal-*MITTS Ltd* f'dak li għandu x'jaqsam ma' affarijiet korporattivi u ta' tmexxija.

Aktar dettalji dwar din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-*Management and Personnel Office*, Berġa ta' Kastilja, Valletta, jew inkella jintalbu permezz ta' *e-mail* fl-indirizz mpo@gov.mt.

6.1 L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

3.2.1. The salary range quoted is in respect of the year 2006. In subsequent years, the salary point awarded to Chief Information Officers will be augmented by a percentage equivalent to the percentage increase of Salary Scale 3, Salary Scale 4 and the maximum of Salary Scale 5 in respect of major, middle and minor ministries respectively. This is to reflect the salary increase awarded in the Collective Agreement effective on 1 January 2005.

3.3. In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary and allowances of the position for which he/she has been selected will be paid as a non-pensionable allowance. The remuneration package is tied to the position and not to the individual. A Chief Information Officer may be transferred from one category to another according to exigencies with corresponding upward/downward adjustment of the remuneration package.

3.4. The decision as to whether a successful candidate is to be assigned to a major, middle or minor range Ministry and transfers from one Ministry to another will be the prerogative of Management. The salary point awarded within the range allocated to the Ministry to which the Chief Information Officer has been assigned, will depend on the qualifications, skills, aptitudes and experience of the officer.

4. If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary higher than that pertaining to the position, he/she will be expected to relinquish the duties of Chief Information Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

5. The Chief Information Officer will be responsible for the development and management of the Ministry's ICT, under the direction of the respective Permanent Secretary. The officer will report directly to the Permanent Secretary with regard to the Ministry's ICT matters and will have horizontal responsibility to the Chairman of MITTS Ltd for corporate and governance related matters.

Further details on the position description may be obtained from the Management and Personnel Office, Auberge de Castille, Valletta or requested by e-mail using the address mpo@gov.mt.

6.1 Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) (i) ikollhom livell ta' edukazzjoni ta' *first degree* jew kwalifika komparabbli xierqa fil-*Business*, u/jew *Information Security*, u/jew *Computer Studies*, u/jew *Information Technology* u/jew *Information Science* flimkien ma' seba' (7) snin esperjenza relevanti, (tliet (3) snin minnhom iridu jkunu f'pożizzjoni ta' tmexxija);

JEW

ii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li l-kariga sustantiva tagħhom, jew il-pożizzjoni li attwalment jokkupaw, tkun fi skala ta' salarju mhux inqas minn Skala 6;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) (i) be in possession of a first degree level of education or an appropriate comparable qualification in Business, and/or Information Security, and/or Computer Studies and/or Information Technology and/or Information Science, plus seven (7) years work experience in a formal and mature ICT environment, of which three (3) years should be in a management position;

OR

(ii) be Public Officers whose salary scale attached to their substantive grade, or the position they currently occupy, is not lower than salary Scale 6;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li għandhom esperjenza fl-operat tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, u esperjenza fil-*management* u amministrazzjoni ta' Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożiżzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-*Management and Personnel Office* u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants,* trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema kuntratt jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt.

6.2 Due consideration will be given to candidates who, through their serving or as a result of their having served, in the Public Service, have knowledge and experience in the management and administration of Government Ministries and Departments.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Management and Personnel Office and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address http://www.mpo.gov.mt.

10.1. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għal intervista rigoruża minn Bord ta' Għażla biex jiġi aċċertat li huma kompetenti u adatti biex jimlew din il-pożizzjoni. Meta jkun qed jiġi evalwat kemm huma adatti u l-meritu tagħhom, jingħata każ mhux biss tal-kompetenza maniġerjali u l-impenn li jitkejjel ukoll mit-*track record* ta' l-applikanti, iżda wkoll ta' kemm jistgħu jassumu r-responsabilitajiet ta' *Chief Information Officer*. Huma biss dawk il-kandidati li jħossu li għandhom l-esperjenza u l-ħiliet neċessarji għal din il-pożizzjoni li huma mistennija li japplikaw.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jintbagħtu fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-*Management and Personnel Office*, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* jintlaqgħu mill-Aġent Direttur Ġenerali, *Management and Personnel Office*, Berġa ta' Kastilja, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofs inhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-MPO mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-*Management and Personnel Office* huwa +356 22001334.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

15.2. Persuni li kienu diġa applikaw għas-sejħa maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Marzu 2006 mgħandhom għalfejn jerġgħu japplikaw.

Il-12 ta' Mejju, 2006

10.1. Eligible applicants will be rigorously assessed by a Selection Board to determine their competence and suitability for the position. In evaluating the suitability and merit of candidates for these positions, due weight shall be given not only to managerial competence and the commitment of the officers, judged also by their track records, but also to their anticipated performance on assuming the responsibilities of Chief Information Officer. It needs to be emphasized that only officers who consider themselves to have the necessary experience and expertise are expected to apply.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Management and Personnel Office, Auberge de Castille, Valletta.

13. Applications, together with a *curriculum vitae*, will be received in the first instance by the A/Director General, Management and Personnel Office, Auberge de Castille, Valletta by not later than noon of Friday, 9th June, 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 9th June, 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Management and Personnel Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Management and Personnel Office is +356 2200 1334.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing within seven days.

15.2. Persons who have already in response to the call for applications published on 21st March 2006 need not apply again.

12th May, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultati għall-Postijiet fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex

Id-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Uffiċjal Tekniku Ewlieni (Amministrazzjoni Teknika)
Uffiċjal Tekniku Ewlieni (Manifattura u Servizzi)

It-12 ta' Mejju, 2006

MINISTRY FOR GOZO

Results for Posts in the Department for Projects and Development in the Ministry for Gozo

The Director for Projects and Development notifies that the result for the undermentioned posts may be viewed on the notice-board of the Ministry for Gozo, St Francis Square, Victoria and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Principal Technical Officer (Technical Administration)
Principal Technical Officer (Manufacturing and Services)

12th May, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Manager (Social, Productive and Indigenous Investment)* fil-Ministeru għal Għawdex

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwat is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-12 ta' Mejju, 2006

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Engagement on Contract in the Position of Manager (Social, Productive and Indigenous Investment) in the Ministry for Gozo

The Permanent Secretary, Ministry for Gozo, notifies that the result for the above mentioned position has been published and can be viewed on the notice-board at the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

12th May, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impieg, jgħarraf wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* tal-*Customer Care Unit* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex u fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Technical Attaché (Employment and Social Affairs)
Technical Attaché (Żgħażagħ u l-Impieg)

It-12 ta' Mejju, 2006

EDUCATION DIVISION

Result of Interviews for the Engagements on Contract at the Permanent Representation of Malta to the European Union

The Permanent Secretary, Ministry of Education, Youth and Employment, notifies that the results of the interviews for the under mentioned posts may be viewed on the notice-board at the Customer Care Unit of the Education Division, Floriana, on the notice-board at the Education Office, Victoria, Gozo and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Technical Attaché (Employment and Social Affairs)
Technical Attaché (Education and Youth)

12th May, 2006

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' Reġistratur fid-Dipartiment ta' l-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-12 ta' Mejju, 2006

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Registrar in the Department of Anaesthesia in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

12th May, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

LCCI 3/2005. AQA Sajf 2006 u London 'O' u 'A' Sajf 2005

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi numru ta' ċertifikati rigward l-LCCI 3/2005. AQA Sajf 2006 u London 'O' u 'A' Sajf 2005 għadhom ma nġabrux.

Jekk iċ-ċertifikati ma jinġabrux fi żmien xahar mill-ħruġ ta' dan l-avviż, iċ-ċertifikati jintbagħtu bil-posta ordinarja.

Ma tittieħed l-ebda responsabbiltà minn dan id-Dipartiment jekk iċ-ċertifikati jintilfu jew issirilhom xi ħsara waqt il-proċess.

Important

Il-kandidati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati tagħhom jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità u r-*result slip* kif ġej:–

Kandidati f'Malta
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
il-Furjana

Kandidati f'Għawdex
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
ir-Rabat,
Għawdex.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mill-ġenitur/tutur legali, għandhom jintwerew il-Karti ta' l-Identità tal-ġenitur/tutur legali u tal-kandidat.

It-12 ta' Mejju, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

LCCI 3/2005, AQA Summer 2005 and London 'O' and 'A' Summer 2005

The Director of Examinations notifies that a number of certificates in respect of the LCCI 3/2005, AQA Summer 2005 and London 'O' and 'A' Summer 2005 have not yet been collected.

If these certificates are not collected within a month from the issue of this notice, certificates will be forwarded by ordinary post.

The Department will not take responsibility if certificates are lost or damaged in the process.

Important

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identitity Card and result slip as follows:–

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo.

If the certificate is collected by the parent/guardian, the I.D. Card of both the parent/guardian and the candidate should be presented.

12th May, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Għotja Biex Tgħin lis-Sidien fil-Bini, Irranġar u/jew Tkomplija ta' l-Ewwel Residenza Tagħhom

B'riferenza għall-iSkema fejn tingħata għotja biex tgħin lis-sidien fil-bini, irranġar u/jew tkomplija ta' l-ewwel residenza tagħhom – ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Settembru, 2004, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:–

(1) temenda Klawsola 5 biex taqra kif ġej:–

tingħata għotja addizzjonali ta' Lm500 għall-irranġar jew bini mill-ġdid ta' proprjetà mibnija jew li kienet lesta għall-abitazzjoni qabel jew fl-1 ta' Jannar 1990.

(2) temenda Sub-Klawsola (ii) ta' Klawsola 5 biex taqra kif ġej:–

(ii) Kategorija B – irranġar, rikostruzzjoni u estensjoni ta' proprjetà biex tintuża bħala l-ewwel dar ta' abitazzjoni, li tkun inxtrat fl-1 ta' Jannar 1999 jew wara, liema proprjetà kienet mibnija u lesta għall-abitazzjoni fl-ewwel ta' Jannar 1990 jew qabel.

(3) iżżid is-segwenti ma' Klawsola 8:–

(ċ) ż-żewġ kategoriji ssir wara li l-Awtorià tad-Dajr tivverifika permezz ta' spezzjoni li x-xogħlijiet li għalihom ġew sottomessi l-irċevuti fiskali jkunu saru kollha.

It-12 ta' Mejju, 2006

HOUSING AUTHORITY

Grant to Assist Owners in the Construction and/or Completion or Rehabilitation of their First Home

With reference to the Scheme whereby grants are given to assist owners in the construction and/or completion or rehabilitation of their first home – published in the Government Gazette of the 1st September, 2004, the Housing Authority wishes to effect the following amendments:–

(1) amend Clause 5 to read as follows:–

an additional Lm500 is given for the rehabilitation or reconstruction of a property built and was ready for habitation before 1st January 1990.

(2) amend Sub-Clause (ii) of Clause 5 to read as follows:–

(ii) Category B – Rehabilitation, reconstruction and extensions of a property for use as a first dwelling which was purchased on the 1st of January 1999 or afterwards, which property was built and ready for habitation on or before 1st January 1990.

(3) add the following to Clause 8:–

(iii) before an inspection is carried out to verify that all works related to the receipts produced were in fact all carried out.

12th May, 2006

KUNSILL LOKALI QRENDI

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70(1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ħamis, it-18 ta' Mejju, 2006 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi fis-6.00 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar ħarġa tar-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali Qrendi huma mħeġġa biex jattendu.

It-12 ta' Mejju, 2006

QRENDI LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70(1) of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Thursday, 18th May, 2006 at the Local Council's Administrative Office at 7, Triq il-Knisja, Qrendi at 6.00 p.m.

All persons appearing in the Local Council's Electoral Register for Qrendi are invited and encouraged to attend.

12th May, 2006

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPIEGI

Tħassir ta' Reġistrazzjoni ta' *Trade Union*

Ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jgħarraf illi skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 55 (2) (a) ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), il-Casino Employees Union m'għadhiex irreġistrata bħala *Trade Union*.

It-12 ta' Mejju, 2006

DEPARTMENT OF INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Cancellation of Registration of Trade Union

The Registrar of Trade Unions notifies that in accordance with the provisions of paragraph 55 (2) (a) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452) the Casino Employees Union has ceased to be registered as a Trade Union.

12th May, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 80/2006. Provvista tas-snin 2006-2007 għal evalwazzjonijiet interim dwar proġetti mibdija taħt il-*pre-accession* u *transition facility programmes - Planning and Priorities Coordination Division*. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Marzu 2006.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta miftuħa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). (*Budget* Allokat: Ewros 400,000 mingħajr V.A.T.).

CT 81/2006. Provvista ta' *underground waste collection bins* għal sitt impjanti ta' riċiklaġġ f'Malta u Għawdex - Wasteserv Limited. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Marzu 2006.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta miftuħa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). (*Budget* Allokat: Lm72,000 mingħajr V.A.T.).

CT 82/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *paclitaxel 30mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Marzu 2006.

CT 101/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *heparin sodium 5000iu* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 102/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *mitoxantrone 20mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 103/2006. Provvista ta' pilloli *flecainide acetate 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 104/2006. Provvista ta' *disposable curved end to end anastomosis* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 105/2006. Provvista ta' *Hoffmann external fixator threaded transfixing pins* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 106/2006. Xogħlijiet ta' toroq fi Triq Paul Portelli, ir-Rabat, Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th May, 2006, for:

CT 80/2006. Provision of the 2006-2007 interim evaluations of on-going projects under the pre-accession and transition facility programme - Planning and Priorities Coordination Division. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th March, 2006.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Euros 400,000 excluding V.A.T.).

CT 81/2006. Supply of underground waste collection bins for six waste recycling sites in Malta and Gozo - Wasteserv Limited. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th March, 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm72,000 excluding V.A.T.).

CT 82/2006. Supply of paclitaxel injections 30mg - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th March 2006.

CT 101/2006. Supply of heparin sodium 5000iu injections - Department of Health.

CT 102/2006. Supply of mitoxantrone 20mg injections - Department of Health.

CT 103/2006. Supply of flecainide acetate 100mg tablets - Department of Health.

CT 104/2006. Supply of disposable curved end to end anastomosis - Department of Health.

CT 105/2006. Supply of Hoffmann external fixator threaded transfixing pins - Department of Health.

CT 106/2006. Road works at Triq Paul Portelli, Victoria, Gozo - Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 83/2006. Konsultazzjoni dwar formulazzjoni ta' *master plan* għall-ilma tax-xita għall-Gżejjer Maltin - Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-21 ta' Marzu 2006.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). (*Budget* Allokat: Lm113,498 minħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 108/2006. Bini ta' sala ta' l-iskola u nħawi anċillari oħra fl-Iskola Primarja ta' Ħal Safi, Ħal Safi - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 109/2006. Bini ta' estensjoni fit-tieni sular fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi, is-Siġġiewi - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 110/2006. Xogħlijiet ta' rinovazzjoni fil-*Junior Lyceum* tas-Subien Dun Ġużepp Zammit Brighella, il-Ħamrun - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 111/2006. Xogħlijiet ta' rinovazzjoni ta' faċilitajiet sanitarji f'diversi skejjel Primarji u Sekondarji f'Malta - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 116/2006. Servizz ta' tindif u servizzi anċillari fl-Isptar Monte Karmeli - Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 117/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *octreotide 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 118/2006. Provvista ta' *cyclosporin oral solution* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 119/2006. Provvista ta' *amplatzer devices* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 134/2006. Xiri ta' *textbooks* ġodda "Abacus Number 5" għall-iskejjel tal-primarja, sena skolastika 2006-2007 - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 135/2006. Xiri ta' *textbooks* ġodda "Abacus Number 6" għall-iskejjel tal-primarja, sena skolastika 2006-2007 - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 83/2006. Consultancy for the formulation of a storm water master plan for the Maltese Islands - Ministry for Investment, Industry and Information Technology.

The EU Contract Notice was dispatched on the 21st March, 2006.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm113,498 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th May, 2006, for:

CT 108/2006. Construction of a school hall and other ancillary areas at the Safi Primary School, Safi - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 109/2006. Construction of a second floor extension at the Siġġiewi Primary School, Siġġiewi - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 110/2006. Refurbishment works at the Dun Ġużepp Zammit Brighella Boys' Junior Lyceum, Ħamrun - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 111/2006. Refurbishment works of sanitary facilities in various Primary and Secondary schools in Malta - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 116/2006. Cleaning and ancillary services at Mount Carmel Hospital - Mount Carmel Hospital. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 117/2006. Supply of octreotide 10mg injections - Department of Health.

CT 118/2006. Supply of cyclosporin oral solution - Department of Health.

CT 119/2006. Supply of amplatzer devices - Department of Health.

CT 134/2006. Purchase of new "Abacus Number 5" textbooks for primary schools, scholastic year 2006-2007 - Education Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 135/2006. Purchase of new "Abacus Number 6" textbooks for primary schools, scholastic year 2006-2007 - Education Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 84/2006. Xiri ta' *clinical recompression monoplace chamber* għal Għira ta' Għawdex – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Marzu 2006.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* Allokat: Lm153,695.00 mingħajr V.A.T.).

CT 91/2006. Provvista ta' *salbutamol inhaler* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-23 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm235,509 mingħajr V.A.T.).

CT 93/2006. Provvista ta' pilloli/kapsoli *amoxycillin* u *clavulanic acid* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm169,521 mingħajr V.A.T.).

CT 94/2006. Provvista ta' *alcohol surface wipes - non sterile* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm72,692 mingħajr V.A.T.).

CT 95/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *goserelin 3.6mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm222,854 mingħajr V.A.T.).

CT 96/2006. Provvista ta' pilloli *mycophenolate mofetil 500mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm143,422 mingħajr V.A.T.).

CT 120/2006. Manifattura u provvista ta' għamara f'dar ta' l-anzjani fil-Mosta – Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 121/2006. *Textbooks "Way Ahead Series Level 3"* għall-iskejjel tal-primarja sena skolastika 2006-2007 – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 122/2006. Provvista ta' patata (Malta) lid-Diviżjoni tas-Saħħa – Dipartiment tas-Saħħa

CT 123/2006. Provvista ta' frott u ħxejjex (Malta) lid-Diviżjoni tas-Saħħa – Dipartiment tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd May, 2006, for:

CT 84/2006. Procurement of a clinical recompression monoplace chamber for the Island of Gozo – Ministry for Gozo. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 22nd March 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm153,695.00 excluding V.A.T.).

CT 91/2006. Supply of salbutamol inhaler – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 23rd March 2006. (Estimate: Lm235,509 excluding V.A.T.).

CT 93/2006. Supply of amoxycillin and clavulanic acid tablets/capsules – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm169,521 excluding V.A.T.).

CT 94/2006. Supply of alcohol surface wipes - non sterile – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm72,692 excluding V.A.T.).

CT 95/2006. Supply of goserelin 3.6mg injections – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm222,854 excluding V.A.T.).

CT 96/2006. Supply of mycophenolate mofetil 500mg tablets – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm143,422 excluding V.A.T.).

CT 120/2006. Manufacture and supply of furniture at home for the elderly in Mosta - Elderly Care and Community Department. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 121/2006. "Way Ahead Series Level 3" textbooks for primary schools, scholastic year 2006-2007 – Education Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 122/2006. Supply of potatoes (Malta) to Health Division – Department of Health.

CT 123/2006. Supply of fruit and vegetables (Malta) to Health Division – Department of Health.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 100/2006. Assistenza teknika għall-preparazzjoni tal-*Conceptual Design for Mechanical Biological Treatment Plants with Anaerobic Digestion* u d-*drafting* ta' dokumenti għal tlestija tal-formola/i ta' applikazzjoni *Associated Cohesion Fund* u d-dokument ta' l-offerta - Wasteserv Malta Limited. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Marzu 2006.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta mħallsa parzjalment taħt il-*European Cohesion Fund Programme* għal Malta 2004-2006. *(Budget* Allokat: Lm164,278.00 mingħajr V.A.T.).

CT 124/2006. Tibdil ta' *roof cladding* fil-fabbrika KW1 fil-qasam industrijali ta' Kordin – Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 125/2006. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' servizzi mekkaniċi fil-*west wing* tal-blokk ta' l-amministrazzjoni tal-MCAST, Kampus ta' Kordin – MCAST. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kul kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 126/2006. Provvista ta' ħrieqi *disposable* ta' l-adulti. – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 129/2006. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' *spare parts* u magna ta' *patrol craft (Kondor Class)* PC29 u PC31 - Forzi Armati ta' Malta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 107/2006. Provvista ta' *basic dressing packs* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm79,440 mingħajr V.A.T.).

CT 112/2006. Provvista ta' *haemophilus influenza Type B vaccine* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' April 2006. (Stima: Lm71,992 mingħajr V.A.T.).

CT 113/2006. Provvista ta' *x-ray safety films* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' April 2006. (Stima: Lm225,235 mingħajr V.A.T.).

CT 132/2006. Rinovar u tiġdid ta' stallazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi fl-Iskola Primarja Rosa Magro, ix-Xewkija, Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 161/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta'

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th May, 2006, for:

CT 100/2006. Technical assistance in the preparation of a Conceptual Design for Mechanical Biological Treatment Plants with Anaerobic Digestion and drafting of documents for the completion of the Associated Cohesion Fund application form/s and tender documents - Wasteserv Malta Limited. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 28th March 2006.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Cohesion Fund Programme for Malta 2004-2006. (Allocated Budget: Lm164,278.00 excluding V.A.T.).

CT 124/2006. Replacement of roof cladding in factory KW1 at Corradino Industrial Estate – Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 125/2006. Supply, installation and commissoning of mechanical services at the west wing of the MCAST administration block, Corradino Campus – MCAST. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 126/2006. Supply of adult disposable nappies – Department of Health.

CT 129/2006. Sale tale quale and removal of spare parts and engine pertaining to patrol craft (Kondor Class) PC29 and PC31 - Armed Forces of Malta.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th May, 2006, for:

CT 107/2006. Supply of basic dressing packs – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 29th March 2006. (Estimate: Lm79,440 excluding V.A.T.).

CT 112/2006. Supply of haemophilus influenza Type B vaccine – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd April 2006. (Estimate: Lm71,992 excluding V.A.T.).

CT 113/2006. Supply of x-ray safety films – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd April 2006. (Estimate: Lm225,235 excluding V.A.T.).

CT 132/2006. Refurbishment and renewal of the electrical and mechanical installations of Rosa Magro Primary School, Xewkija, Gozo. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 161/2006. Period contract for the supply of anoraks to

anoraks lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-1 ta' Ġunju, 2006 għal:

CT 114/2006. Provvista ta' *evacuated tubes* għal sistema biex jinġabar id-demm – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' April 2006. (Stima: Lm119,152 minħajr V.A.T.).

CT 115/2006. Servizzi ta' tindif fl-Isptar San Luqa – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' April 2006. (Stima: Lm120,000 minħajr V.A.T.).

CT 138/2006. Alterazzjonijiet strutturali u xogħlijiet arkitettoniċi ta' tlestija u servizzi tal-bini għal sular ġdid ta' amministrazzjoni - Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 139/2006. Servizzi ta' bini lis-sular ġdid ta' amministrazzjoni - Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

